MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**JOSEPH BONNICI**

Seduta tat-30 ta' Jannar, 2003

Talba Numru. 1567/2002

**Av. Dott. Riccardo Farrugia u**
**Joseph sive Joe Mamo**

**Vs**

**Pirella Ltd.**

It-Tribunal

Wara li ra t-talba attrici ghall-kundanna tas-socjeta konvenuta ghall-hlas tas-somma ta' tlett mitt liri Maltin (Lm300) rapprezentanti tlett (3) skadenzi ta' sub-cens li ghalqu rispettivament fit-3 ta' Dicembru 1999, fit-3 ta' Dicembru, 2000 u fit-3 ta' Dicembru, 2001 fuq il-fond 37, St. Vincent Alley, Zabbar , skond kuntratt tat-3 ta' Dicembru, 1990 fl-atti tan-Nutar Dott. Pierre Cassar.

Is-socjeta' konvenuta giet mharrka sabiex tghid ghaliex dan it-Tribunal m'ghandux jikkundanna lill-istess socjeta konvenuta sabiex thallas s-somma ta' tlett mitt liri Maltin

(Lm300.00) kif fuq inghad rapprezentanti tlett (3) skadenzi ta‘ sub-cens dovuta rispettivament fit-3 ta‘ Dicembru, 1999, fit-3 ta’ Dicembru, 2000, u fit-3 ta‘ Dicembru 2001, fuq il-fond 37 St. Vincent Alley, Zabbar, skond il-kuntratt tat-3 ta‘ Dicembru, 1990 fl-atti tan-Nutar Dott. Pierre Cassar. Bl-ispejjes tal-procedura u bl-imghax legali mid-data tan-notifika ta‘ avviz tat-talba sad-data tal-pagament effettiv kontra l-imsemmija socjeta’ konvenuta li giet ingunta ghas-subizzjoni.

Ra li s-socjeta’ konvenuta debitament notifikata baqghet ma prezentatx risposta.

Sema’ lil Avv Dr Veronica Aquilina tikkonferma bil-gurament taghha li l-ammont ghadhu dovut.

Jiddeciedi billi jilqa it-talbiet attrici u jikkundana lis-socjeta’ konvenuta biex thallas is-somma ta’ tlett mitt Lira Maltija (Lm300) bl-ispejjes u bl-interessi.

--------------------------------TMIEM--------------------------------